

Kawżi magħquda C-395/08 u C-396/08

Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS)

vs

Tiziana Bruno *et*

(talbiet għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Corte d'appello di Roma)

“Direttiva 97/81/KE — Ftehim Qafas dwar xogħol part-time — Trattament ugwali bejn ħaddiema part-time u ħaddiema full-time — Kalkolu tal-anzjanità meħtieġa sabiex tinkiseb pensjoni ta’ rtirar — Esklużjoni tal-perijodi mhux maħduma — Diskriminazzjoni”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fil-21 ta’ Jannar 2010	I - 5122
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta’ Ġunju 2010	I - 5153

Sommarju tas-sentenza

1. *Dritt tal-Unjoni — Prinċipji — Drittijiet fundamentali — Drittijiet soċjali (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 136 KE; il-tielet paragrafu tal-preambolu tat-Trattat FUE; Direttiva tal-Kunsill 97/81, Anness, klawżola 4)*
2. *Politika soċjali — Ftehim Qafas dwar xogħol part-time konkluż miċ-CES mill-UNICE u miċ-CEEP — Direttiva 97/81 (Artikolu 141 KE; Direttiva tal-Kunsill 97/81, Anness, klawżola 4(1))*

3. *Politika soċjali — Ftehim Qafas dwar xogħol part-time konkluż miċ-CES mill-UNICE u miċ-CEEP — Direttiva 97/81*
(*Direttiva tal-Kunsill 97/81, Anness, klawżola 4*)
4. *Politika soċjali — Ftehim Qafas dwar xogħol part-time konkluż miċ-CES mill-UNICE u miċ-CEEP — Direttiva 97/81*
(*Direttiva tal-Kunsill 97/81, Anness, klawżoli 1, 4 u 5(1)*)

1. Il-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time konkluż miċ-CES, mill-UNICE u miċ-CEEP, anness mad-Direttiva 97/81, b'mod partikolari l-klawżola 4 tiegħu, ifittex għan li jifforma parti mill-għanijiet fundamentali misjuba fl-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar il-politika soċjali u rriprodott fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 136 KE, kif ukoll fit-tielet paragrafu tal-Preambolu tat-Trattat FUE, u fil-punt 7 u fl-ewwel paragrafu tal-punt 10 tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, li għaliha tirreferi d-dispożizzjoni KE msemmija iktar 'il fuq. Dawn l-għanijiet fundamentali huma marbuta mat-titjib tal-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol kif ukoll mal-eżistenza ta' protezzjoni soċjali adegwata tal-ħaddiema. Dan jirrigwarda, b'mod iktar speċifiku, it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema part-time, u li tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom kontra d-diskriminazzjoni.
2. Il-pensjonijiet li jiddependu fuq relazzjoni ta' impjieg bejn il-ħaddiem u min jimpjegah, bl-esklużjoni tal-pensjonijiet legali ta' sigurtà soċjali, li jkunu iktar jiddependu fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali milli fuq tali relazzjoni ta' impjieg, jaqgħu taħt il-kunċett ta' kundizzjonijiet ta' impjieg fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time konkluż miċ-CES, mill-UNICE u miċ-CEEP, anness mad-Direttiva 97/81,

F'dan ir-rigward, huwa biss il-kriterju bbażat fuq il-konstatazzjoni li l-pensjoni titħallas lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' impjieg li torbtu ma min kien preċedement jimpjegah, jiġifieri l-kriterju tal-impjieg, ibbażat fuq il-kliem stess tal-Artikolu 141 KE, li jista' jkun determinanti. Madanakollu, dan il-kriterju ma jstax ikollu natura esklużiva, peress li l-pensjonijiet imħallsa minn sistema legali ta' sigurtà soċjali jistgħu, totalment jew parzjalment, jieħdu inkunsiderazzjoni r-remunerazzjoni tal-attività. Madankollu, il-kunsiderazzjonijiet ta' politika soċjali, ta' organizzazzjoni tal-Istat, ta' etika jew anki l-preokkupazzjonijiet ta' natura finanzjarja li kellhom jew li seta' kellhom rwol fit-tfassil ta' skema mil-leġiżlatur nazzjonali jistgħu jieħdu preċedenza biss jekk il-pensjoni taffettwa biss kategorija partikolari ta' ħaddiema, jekk

Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, l-imsemmija klawżola 4 tal-ftehim qafas għandha tinftiehem fis-sens li tesprimi prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li ma jstax jiġi interpretat b'mod restrittiv.

(ara l-punti 30, 32)

hija direttament relatata mal-perijodu ta' servizz moqdi u jekk l-ammont tagħha huwa kkalkulat abbażi tal-aħħar salarju.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk pensjoni ta' rtirar tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim qafas, il-qorti nazzjonali, li hija biss għandha l-ġurisdizzjoni li tevalwa l-fatti tal-kawża mressqa quddiemha u li tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, għandha teżamina jekk l-imsemmija pensjoni tissodisfax it-tliet kundizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

(ara l-punti 42, 46-48)

għal ksib tad-dritt għal pensjoni, sa fejn din tiddependi esklużivament fuq it-tul tal-anzjanità miksuba mill-ħaddiem. Fil-fatt, din l-anzjanità tikkorrispondi għat-tul effettiv tar-relazzjoni ta' impjeg u mhux għall-kwantità ta' xogħol ipprovdut matul din ir-relazzjoni ta' impjeg. Għalhekk, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn ħaddiema part-time u ħaddiema full-time jimplika li t-tul ta' anzjanità meħud inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-data għall-ksiba ta' dritt għal pensjoni għandha tiġi kkalkolata għal ħaddiem part-time bħal li kieku kien jokkupa pożizzjoni full-time, fejn il-perijodi mhux maħduma għandhom jiġu integralment meħuda inkunsiderazzjoni.

(ara l-punti 66, 75 u d-dispożittiv 1)

3. Fir-rigward tal-pensjonijiet ta' rtirar, il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time konkluż miċ-CES, mill-UNICE u miċ-CEEP, anness mad-Direttiva 97/81, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, fir-rigward tal-ħaddiema part-time vertikali li jalternaw, teskludi l-perijodi mhux maħduma mill-kalkolu tal-anzjanità meħtieġa sabiex jinkiseb dritt għal tali pensjoni, kemm-il darba tali trattament differenti ma huwiex iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi.
4. Fil-każ fejn il-qorti nazzjonali, li hija biss għandha l-ġurisdizzjoni li tevalwa l-fatti tal-kawża mressqa quddiemha u li tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, tasal għall-konklużjoni li leġiżlazzjoni nazzjonali hija inkompatibbli mal-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time konkluż miċ-CES, mill-UNICE u miċ-CEEP anness mad-Direttiva 97/81, il-klawżoli 1 u 5(1) tal-imsemmi Ftehim Qafas għandhom jiġu interpretati fis-sens li anki dawn jipprekludu tali leġiżlazzjoni.

Fil-fatt, il-prinċipju pro rata temporis ma japplikax għad-determinazzjoni tad-data

(ara l-punti 48, 81 u d-dispożittiv 2)